MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1549/2002

**George sive Gino u Maria Falzon**

**vs**

**Katrina Boyd Trevisan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta’ Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti imghaxijiet dekoribbli fuq is-somma ta’ Lm5000 ghal perijodu taz-zmien illi dawn damu fil-pussess tal-konvenuta, liema somma flus kienet thallset bhala depozitu fuq konvenju datat 9 ta’ Marzu 1997, fejn l-atturi obbligaw rwiehom li jixtru u jakkwistaw minn ghand il-konvenuta li min-naha taghha obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi proprjeta immobbli ghal prezz ta’ Lm27000. Illi

l-konvenju gie imgedded diversi drabi u b'ittra ufficjali datata 29 ta' April 1998, il-konvenuta giet interpellata sabiex taddivjeni ghall-att notarili opportun in esekuzzjoni ta'l-obbligi assunti minnha verso l-atturi, fl-imsemmi konvenju, izda baqghet inadempjenti. Illi il-konvenju skada u f'Marzu 2001, il-konvenuta irrifondiet id-depozitu ta' Lm5000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fit-30 ta' Lulju 2002, fejn hija ecceppiet:

1. Illi ir-ragel (de facto separat) assenti tal-konvenuta ghandu jigi imsejjah fil-kawza billi kien parti fil-konvenju datat 9 ta' Marzu 1997.
2. Illi l-konvenju skada sena wara id-9 ta' Marzu 1997 u ma giex debitament imgedded kif jirrizulta mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 31 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet George Falzon et vs Katrina Boyd et. (Citazzjoni numru 1046/98GV), annessa bhala Dokument A ma'l-avviz.
3. illi l-ammont kapitali thallas f'Marzu 2001 u giet rilaxxjata ricevuta, minghajr ma inzamm l-jedd mill-atturi ghall-imghaxijiet li ghalhekk iggib maghha l-helsien mill-imghaxijiet (artikolu 1855)
4. illi l-konvenuta qatt ma giet debitament interpellata biex thallas l-imghaxijiet (artikolu 1130).

Sema' x-xhieda ta' l-kontendenti u ta'l-avukat Peter Fenech u l-avukat Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani .

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi bejn il-kontendenti kien gie iffirmat konvenju ghall-akkwist da parti ta'l-atturi tal-fond 2, Bonavia Flats, Vjal 21 ta' Settembru, Naxxar u dana fid-9 ta' Marzu 1997, fuq liema konvenju l-konvenuta kienet dehret ukoll ghal zewgha imsiefer permezz ta'

prokura. Illi mal-konvenju kien thallas depozitu mill-atturi fl-ammont ta’ Lm5000 u dana f’zewg pagamenti separati, wiehed ta’ Lm3000 fid-9 ta’ Marzu 1997 u l-iehor ta’ Lm2000 fl-4 ta’ April 1997. Sussegwentement l-konvenuta u zewgha ma ressqux ghall-iffirmar ta’l-att finali ta’ komprovendita u dana peress illi kien inqala xi disgwid bejniethom. L-atturi ipprezentaw il-kawza quddiem il-Qorti sabiex l-konvenuti jersqu ghall-iffirmar ta’l-att, liema kawza giet deciza fil-31 ta’ Jannar 2001, fejn it-talbiet ta’l-atturi kienu gew michuda ghar-ragunijiet indikati fl-istess sentenza li hija esebita bhala Dokument A a fol.8 sa 11 ta’l-atti processwali.

Illi permezz ta’ ittra datata 20 ta’ Marzu 2001, l-avukat tal-konvenuta kien irritorna id-depozitu imhallas mill-atturi fuq il-konvenju, li minnhom huwa kien naqqas l-ispejjez tal-kawza George u Maria Falzon vs Katerina Trevisan Boyd (Citaz.Nru.1046/98GV), liema ittra hija esebita u immarkata bhala Dokument C a fol.14 tal-process. B’hekk mis-somma ta’ Lm5000, l-atturi ircevew Lm2861.10, peress illi l-ispejjez u id-drittijiet tal-kawza lahhqu is-somma ta’ Lm2138.90, Illi l-attur kien accetta dan il-pagament maghmul lilu u kien sarraf ic-cekk li irceva f’dan l-ammont. L-atturi permezz tal-presenti istanza ghalhekk qeghdin jitolbu l-imghaxijiet dovuti lilhom fuq is-somma ta’ Lm3000 mid-9 ta’ Marzu 1997 sal-20 ta’ Marzu 2001, u fuq is-somma ta’ Lm2000 mill-4 ta’ April 1997 sal-20 ta’ Marzu 2001.

L-attur jikkontendi illi huwa talab lill-konvenuta sabiex thallsu l-imghaxijiet kemm il-darba bil-fomm u jikkontendi illi hi min-naha taghha dejjem irrikonoxxiet illi dawn kellha thallashom. Jirrizulta inoltre illi kienet intbaghtet ittra ufficjali fid-9 ta’ April 1999, fejn l-atturi interpellaw lill-konvenuta u lil zewgha Clement Boyd, sabiex ihallsu l-imghaxijiet fuq id-depozitu moghti, liema ittra ufficjali kienet giet debitament innotifikata lill-konvenuta (Dokument GF1 a fol.30). Wara li giet deciza il-kawza permezz ta’ ittra legali datata 14 ta’ Marzu 2001, l-atturi regghu insistew fuq il-hlas ta’l-imghaxijiet (Dokument PF1), u din l-interpellazzjoni regghet saret permezz ta’ ittra legali ohra datata 29 ta’ Marzu 2001, u dana wara li l-

atturi kienu ircevew il-pagament minn ghand l-konvenuta (Dokument PF2).

Ikkunsidra,

**L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta**:

Illi l-konvenuta teccepixxi illi zewgha Clement Boyd ghandu jigi kjamat fil-kawza, stante illi huwa kien parti fil-konvenju tad-9 ta' Marzu 1997. Illi ghandu jigi precizat qabel xejn illi l-mertu ta' din il-kawza ma jirrigwardax il-konvenju imsemmi. Illi l-atturi qeghdin jitolbu l-imghaxijiet fuq is-somma ta' Lm5000 li thallsu lill-konvenuta ma'l-imsemmi konvenju, li fih l-konvenuta kienet qed tidher kemm f'isimha kif ukoll f'isem zewgha. Illi huwa minnu illi s-somma ta' Lm5000 kien thallas bhala depozitu fuq il-konvenju, izda minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi dawn il-flus ghaddew f'idejn ir-ragel tal-konvenuta Clement Boyd. Illi kien jispetta lill-konvenuta illi tipprova dak allegat minnha in sostenn ta'l-eccezzjoni li ressqet, izda dan naqqset li taghmlu. Jidher illi l-flus ghaddew f'idejn il-konvenuta u hadd iktar u ma ingiebet l-ebda prova da parti taghha illi hija ghaddiet xi parti minn dawn il-flus lil zewgha. Fil-fatt fl-ebda parti mix-xhieda taghha, l-konvenuta ma tghid x'ghamlet b'dawn il-flus u ghalhekk fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, jirrizulta illi l-flus gew imhallsa lill-konvenuta u lil hadd iktar. Kwindi ma hemmx lok li jigi kjamat fil-kawza ir-ragel tal-konvenuta u din l-eccezzjoni ghalhekk ma tistax tigi milqugha.

**It-tieni eccezzjoni**

Illi din l-eccezzjoni, jekk wiehed jista' isejjhilha tali, ma tidhirx illi ghandha rilevanza partikolari ghal kaz in dizamina u dana peress illi kif diga inghad iktar 'il fuq, ma huwiex il-kompitu tat-Tribunal illi jidhol sabiex jinvestiga il-validita o meno tal-konvenju iffirmat bejn il-partijiet. Dana kien jifforma il-mertu ta' kawza ohra deciza permezz tas-sentenza esebita a fol.8 tal-process. Il-fatt illi l-konvenju skada ma ifissirx kwindi illi l-konvenuta ma kenitx obbligata tirrifondi id-depozitu lilha imhallas jew illi l-atturi ma kellhomx il-jedd iressqu 'il quddiem din il-pretensjoni

taghhom. Altrocche! Gialadarba il-konvenuta kienet taf ben tajjeb illi l-konvenju ma kienx validu u li kien skada, u dana anke kif jirrizulta mill-eccezzjonijiet sollevati minnha fil-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (ara fol.9 tal-process), hija messha iddepozitat il-flus imhallsa lilha abbazi ta' dan il-konvenju li hija allegat li ma kienx validu u effikaci, taht l-Awtorita tal-Qorti, u mhux baqghet izzommhom sabiex b'hekk hija arrikkiet ruhha indebitament. Il-kwindi din l-eccezzjoni ma ghandha l-ebda sostenn legali u qed tigi respinta.

**<u>It-tielet eccezzjoni</u>**

Illi l-konvenuta inoltre issostni illi gialadarba, meta hija effetwat il-pagament u cioe' ir-rifuzjoni tad-depozitu, l-atturi accettaw dan il-pagament minghajr l-ebda riserva, huma tilfu id-dritt taghhom ghall-imghaxijiet fuq dana l-ammont. Illi l-konvenuta ticcita in sostenn ta'l-eccezzjoni taghha id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 1855 tal-Kodici Civili fejn il-ligi tikkrea presunzjoni ta' hlas ta' imghaxijiet meta l-kapital jithallas u jigi accettat minghajr riserva u dana sakemm ma ikunx hemm xi prova kuntrarja. Ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi tinsab f'dik il-parti tal-Kodici Civili (kapitolu 16) li tiddisponi dwar il-*Mutuum*. Illi din il-ligi ghandha tapplika biss fir-rigward ta' depozitu ta' flus, meta l-istess depozitu isir bil-kundizzjoni illi l-imsemmija flus jigu irritornati fl-istess xorta u kwalita. (artikolu 1894 Kodici Civili). Illi n-natura ta' depozitu li isir mal-iffirmar ta' konvenju huwa ta' natura kemmxejn differenti u dana peress illi l-hlas ma hux qieghed isir bl-intenzjoni li jigi ritornat izd<u>a huwa </u>hlas bil-quddiem ta' parti mill-prezz tal-kompro-vendit<u>a</u> u dana sabiex ikun hemm ir-rabta bejn il-firmatarji. Inoltre l-artikolu 1357 li jitkellem dwar il-weghda tal-bejgh jiddisponi illi jekk din il-weghda tigi accettata tigi kreata obbligazzjoni da parti ta' min qieghed iwieghed illi l-bejgh isir u fin-nuqqas illi l-bejgh ikun jista' isir illi jaghmel tajjeb ghad-danni fil-konfront tax-xerrej.

Illi madanakollu ghandu jinghad illi l-atturi ghamluha cara mill-bidunett u dana kif jirrizulta sahanistra mit-talbiet fic-citazzjoni 1046/98 (ara fol. 33 tal-process), illi huma kienu

qed jippretendu illi jithallsu ta'l-ispejjez li gew inkorsi minnhom u anke ghad-danni u l-imghaxijiet b'rizultat ta'l-inadempjenza da parti tal-konvenuti. Anke fix-xhieda moghtija mill-attur fil-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, hu ghamilha cara illi kien qieghed jitlef l-imghax fuq is-somma depozitata f'idejn l-konvenuta. Di piu', l-konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' April 1999, matul il-mori tal-kawza (ara fol.30), sabiex thallas l-imghaxijiet. Inoltre meta giet deciza l-kawza u l-atturi tramite l-konsulent legali taghhom kienu qed jitolbu il-konvenuta tirrifondielhom id-depozitu wara li jitnaqqsu l-ispejjez tal-kawza, regghu talbuha thallas l-imghaxijiet u regghu ghamlu l-istess wara li ircevew il-pagament permezz ta' ittra ohra datata 29 ta' Marzu 2001 (Dokumenti PF1 u PF2). Fiz-zewg ittri huwa car illi l-atturi kienu lesti anke li jiehdu proceduri legali kontra l-konvenuta fl-eventwalita illi hija tonqos milli thallas l-imghaxijiet mitluba.

Illi ghalhekk ghalkemm il-konvenuta kien taf ben tajjeb illi l-atturi kienu qed jinsistu fuq l-imghaxijiet, fl-ewwel lok, fil-mori tal-kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, hija naqqset illi tiddepozita il-flus taht l-awtorita tal-Qorti u dana sabiex tezmini ruhha minn kwalunkwe responsabbilta f'ghajnejn il-ligi, u fit-tieni lok, ghalkemm kienet taf b'din il-pretensjoni, hija irrifondiet id-depozitu lill-atturi minghajr ma specifikat illi dan kien qieghed isir ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha illi l-atturi kellhom fil-konfront taghha, u kwindi il-kwistjoni ta'l-imghaxijiet baqghet pendenti.

**<u>Ir-raba eccezzjoni</u>**.

Illi l-konvenuta finalment teccepixxi illi hija qatt ma giet interpellata sabiex thallas l-imghaxijiet u dana a tenur ta'l-artikolu1130 tal-Kodici Civili.

Illi jirrizulta ampjament kif diga inghad iktar 'il fuq illi l-interpellazzjoni ghall-imghaxijiet saret fil-5 ta' April 1999, permezz ta' ittra ufficjali debitament innotifikata lill-konvenuta. Illi sa dik id-data li intbaghtet l-ittra ufficjali jirrizulta illi l-imghaxijiet dovuti kienu ta' Lm400.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-konvenju gie iffirmat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Marzu 1997 u kellu validita ta’ sena. Illi ai termini tas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet George Falzon et vs Katerina Boyd Trevisan et, l-konvenju skada fid-9 ta’ Marzu 1998 u kwindi l-obbligazzjoni da parti tal-konvenuta illi tirrifondi d-depozitu lilha moghti skatta f’dak il-mument u ghalhekk hija obbligata thallas l-imghaxijiet fuq is-somma ta’ Lm5000, li gew mizmuma indebitament minnha minn dik id-data sal-20 ta’ Marzu 2001, data meta hija irrifondiet l-imsemmi depozitu, liema imghaxijiet ghalhekk jammontaw b’kollox ghal Lm1211.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, t-Tribunal, prevja li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm1211 u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi din is-somma ta’ elf, mitejn u hdax-il lira Maltin (Lm1211).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------